

Brussell, 10 ta' Lulju 2026
(OR. en)

9214/26

PUBLIC 35
INF 145

NOTA

Suġġett: SOMMARJU TA' KULL XAHAR TAL-ATTI TAL-KUNSILL - MARZU 2026

Dan id-dokument jelenka l-atti adottati mill-Kunsill permezz ta' proċedura bil-miktub f'Marzu 2026.¹

Għal referenza faċli, it-"titoli qosra" kif imsemmija fl-aġendi tal-Kunsill huma indikati wkoll (bil-korsiv).

Huwa jipprovdi informazzjoni dwar l-adozzjoni ta' atti leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi, inkluż:

- id-data tal-adozzjoni permezz ta' proċedura bil-miktub,²
- in-numru tad-dokument adottat,
- ir-referenza tal-Ġurnal Uffiċjali.

Informazzjoni dwar atti oħra adottati mill-Kunsill tista' tinstab fuq il-paġna web iddedikata tal-Kunsill, taħt it-taqsimha "Laqgħat"³. Dan id-dokument huwa disponibbli wkoll fuq is-sit web tal-Kunsill: [Sommarju ta' kull xahar tal-atti tal-Kunsill - Consilium](#)

¹ Minn Jannar 2026, is-sommarji ta' kull xahar tal-atti tal-Kunsill ser jinkludu biss informazzjoni dwar atti leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi adottati permezz ta' proċedura bil-miktub. F'konformità mat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 12(1) tar-[regoli ta' proċedura tal-Kunsill](#) "Għandu jiġi mfassal kull xahar mis-Segretarjat Ġenerali sommarju tal-atti adottati bil-proċedura bil-miktub. Dan is-sommarju għandu jkun fih id-dikjarazzjonijiet possibbli maħsuba sabiex jiddaħħlu fil-minuti tal-Kunsill. Il-partijiet ta' dan is-sommarju li jikkonċernaw l-adozzjoni ta' atti leġiżlattivi għandhom ikunu pubblikati."

² Fil-każ ta' atti leġiżlattivi adottati bil-proċedura leġiżlattiva ordinarja, jista' jkun hemm differenza bejn id-data tal-adozzjoni mill-Kunsill u d-data proprja tal-att inkwistjoni, peress li l-atti leġiżlattivi adottati bil-proċedura leġiżlattiva ordinarja jitqiesu li ġew adottati biss wara li jiġu ffirmati kemm mill-President tal-Kunsill u mill-President tal-Parlament Ewropew kif ukoll mis-Segretarji Ġenerali taż-żewġ istituzzjonijiet.

³ <https://www.consilium.europa.eu/mt/home/>

Id-dokumenti elenkati fis-sommarju jistgħu jinkisbu mir-reġistru pubbliku tad-dokumenti tal-Kunsill fuq: [Dokumenti u pubblikazzjonijiet - Consilium](#).

Jekk ma jkunux disponibbli direttament, tista' ssir talba għal aċċess għal dokumenti fuq: <https://www.consilium.europa.eu/mt/documents/public-register/request-document-form/>

Għandu jiġi nnotat li dan id-dokument huwa esklużivament għal finijiet ta' informazzjoni.

Proċeduri bil-miktub

Proċedura bil-miktub konklużi fl-14 ta' Marzu 2026	CM 1978/26
<i>Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna</i> <u>Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2026/696 tal-14 ta' Mejju 2026 li jemenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna</u>	5414/1/26 REV 1
<i>Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna</i> <u>Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2026/695 tal-14 ta' Marzu 2026 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna</u>	5416/26
<i>Avviż għall-attenzjoni tal-persuni u l-entitajiet soġġetti għall-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK, kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2026/696, u r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014, kif implimentat bir-</i> <u>Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2026/695 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna</u>	5417/2/26 REV 2
Proċedura bil-miktub konklużi fid-19 ta' Marzu 2026	CM 2165/26
<i>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni Ewropea fil-ħmistax-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni tal-Ispeċi Migratorji tal-Annimali Selvaġġi (CMS) fir-rigward tal-proposti ta' diversi partijiet biex jiġu emendati l-Appendiċijiet ta' dik il-Konvenzjoni</i> <u>Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2026/733 tad-19 ta' Marzu 2026 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni Ewropea fil-ħmistax-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni tal-Ispeċi Migratorji tal-Annimali Selvaġġi fir-rigward tal-proposti ta' diversi partijiet biex jiġu emendati l-Appendiċijiet ta' dik il-Konvenzjoni</u>	6882/26

Proċedura bil-miktub konklufa fl-24 ta' Marzu 2026	CM 2206/26
<i>Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 261/2004 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitilgħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet, u r-Regolament (KE) Nru 2027/97 dwar ir-responsabbiltà ta' trasportaturi bl-ajru fir-rigward tat-trasport ta' passiġġieri u l-bagalji tagħhom bl-ajru (it-tieni qari) – Nonapprovazzjoni tal-emendi tal-Parlament Ewropew</i>	CM 2206/26
Dikjarazzjoni mill-Portugall	
Il-Portugall japprezza l-ħidma tal-Presidenza Ċiprijotta u dik tal-predeċessuri tagħha għall-progress li sar fl-analiżi tar-Regolament dwar id-Drittijiet tal-Passiġġieri u tal-kuntatti mal-Parlament Ewropew. Il-pożizzjoni tal-Portugall dejjem kienet li kwalunkwe reviżjoni tar-Regolament mhux biss għandha tissimplifika l-implimentazzjoni tiegħu, iżda fuq kollox għandha żżomm jew issaħħaħ id-drittijiet tal-passiġġieri, u tippermetti lill-passiġġieri jibbenefikaw mill-protezzjoni li stabbiliet l-istandard għal reġjuni oħra tad-dinja. Għalhekk il-Portugall invota kontra l-qbil politiku tal-Kunsill, waqt li qies, b'mod partikolari, li l-limiti adottati jikkostitwixxu pass lura f'termini tal-protezzjoni tad-drittijiet tal-passiġġieri. Il-Portugall iddikjara wkoll li kien ser iżomm il-pożizzjoni tiegħu għan-negozjati sussegwenti mal-Parlament Ewropew u appoġġa l-proposti tal-Parlament Ewropew dwar l-elementi ċentrali bħall-ammonti tal-kumpens u l-limiti taż-żmien qabel ma jkun dovut tali kumpens. Għandu jiġi nnutat li d-drittijiet tal-passiġġieri japplikaw biss meta jkun hemm nuqqas fir-responsabbiltà stretta tal-partijiet l-oħra kkonċernati. Min-naħa l-oħra, l-elementi tal-pożizzjoni komuni tal-Kunsill jistħoqqilhom jiġu inklużi fil-ftehim aħħari, għalhekk il-Portugall JASTJENI minn din il-proċedura bil-miktub, bil-għan li jżomm in-negozjati offriti mill-Kumitat ta' Konċiljazzjoni miftuħa. Madankollu, il-Portugall itenni r-rieda tiegħu li jkompli fin-negozjati mal-Parlament Ewropew sabiex b'fini kostruttiva jippromwovi titjib sostantiv fil-leġislazzjoni tal-Unjoni Ewropea li tissodisfa l-aspettattivi tal-partijiet ikkonċernati kollha, b'enfasi partikolari fuq il-passiġġieri li dan ir-Regolament ilu mill-2004 jipproteġi l-interessi tagħhom.	